MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Numru 567/2003

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Victor Sammut, iben Joseph,
imwieled Pieta' fil-5 ta'
settembru, 1966
u
Adrian Micallef, iben Carmel,
imwieled Pieta' fit-12 ta' frar, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli f'Għajn Tuffieħa, fil-lejl ta' bejn is-7 u it-8 ta' lulju, 2003 ikkomettew serq ta' għamara, fridge, cooker u xi affarijiet oħra mill-fond ex Service Building, Għajn Tuffieħa, limiti tal-Manikata, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-ħin għad-dannu ta' Joseph Xuereb mill-Mosta;
2. talli fit-8 ta' lulju, 2003, u matul il-jiem ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqgħu għandhom jew xtraw

ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
lil Adrian Micallef, waħdu –
3. talli hu sar reċidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.
Fil-konfront ta' Victor Sammut. Ma ssibux ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fil-konfront ta' Adrian Micallef. Ma ssibux ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------